# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 17 ta` Ottubru, 2018.**

**Talba Nru: 272/2018 PA**

**Vodafone Malta Ltd**

**vs**

**Joseph Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-21 ta` Ġunju 2018, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma disa' mija, tnejn u disgħin Ewro, tnejn u ħamsin ċenteżmu (€992.52ċ), allegatament dovuta lilha bi prezz ta` servizzi u prodotti provduti minnha lill-konvenut, in konnessjoni ma' servizzi ta` telefonija ċellulari bil-kont numru 1.11013148, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja tal-istatement of account tal-konvenut maħruġ mis-soċjeta` attriċi (Dok. X1, fol. 2), u affidavit tal-avukat Dr. Jeremy Debono, fil-kwalita` tiegħu ta` rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, li permezz tiegħu kkonferma li l-konvenut huwa debitur tal-istess soċjeta`

attriċi fl-ammont reklamat b'din il-kawża; u li minkejja li interpellatu biex iħallas anke permezz ta` ittra uffiċjali eżekuttiva, dan baqa' inadempjenti (Dok. X2, fol. 3).

Ra r-Risposta tal-konvenut, ippreżentata fl-10 ta` Lulju 2018, li permezz tagħha eċċepixxa li din it-talba hija fondata fil-fatt u fid-dritt kif se jiġi spjegat ampjament fil-mori tas-smigħ tal-kawża.

Ra li, fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2018, is-soċjeta` attriċi ppreżentat nota ta` riduzzjoni tal-ħlas mitlub għas-somma ta` sitt mija, ħamsa u tletin Ewro (€635).

Ra li, fl-istess udjenza, il-konvenut ippreżenta nota ta` ammissjoni tat-Talba, kif ridotta, filwaqt li d-difensuri tal-partijiet qablu li l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi jitħallas fi żmien sitt xhur.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` sitt mija, ħamsa u tletin Ewro (€635), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**